MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 18/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**MARIA MARGDALENA SULTANA ta' 36 sena, bint Costantino u Winifred nee' Zarb, imwielda Attard nhar l-14 ta' April, 1976, residenti fil-fond Katrina Court, Flat 17, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 584676M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Maria Magdalena Sultana** li giet akkuzata talli:

Fl-Ibragg jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Dicembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' zewg cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 14699 u 15053 mahruga fuq kont bankarju numru 10207138011 bi hsara ta' Joseph Debono Jewellers Limited u l-Bank of Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

U aktar talli fin-Naxxar, f'San Gwann, jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Dicembru, 2008, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' erbat elef, seba' mija u erbgha u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€4,794.48) ghad-dannu ta' Jos Debono Jewellers Limited u/jew il-Bank of Valletta plc;

U aktar talli f'San Gwann fit-18 ta' Dicembru, 2008, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' erba' mija u tlieta u hamsin Ewro (€453) ghad-dannu ta' Josette Cilia, proprjetarja ta' l-istabbiliment Hair Mode Salon f'San Gwann;

U aktar talli fil-Belt Valletta, fid-19 ta' Dicembru, 2008, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' mija u sitta u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€176.41) ghad-dannu

ta’ Jolico Limited, operaturi ta’ l-istabbiliment Beauty Plus fil-Belt Valletta;

U aktar talli fil-Belt Valletta, fid-19 ta’ Dicembru, 2008, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ hames mija u hmistax-il Ewro (€515) ghad-dannu ta’ Brima Limited, operaturi ta’ l-istabbiliment Punky Fish fil-Belt Valletta;

U aktar talli f’Tas-Sliema, fl-24 ta’ Dicembru, 2008, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ tmienja u sittin Ewro u sebghin centezmu (€68.70) ghad-dannu ta’ AJN Company Limited, operaturi ta’ l-istabbiliment Memory Lane f’Tas-Sliema;

U aktar talli f’Tas-Sliema, nhar l-24 ta’ Dicembru, 2008, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ mitejn u disgha u ghoxrin Ewro u disgha u sittin centezmu (€229.69) ghad-dannu ta’ Francis Padovani Ginies, proprjetarju ta’ l-istabbiliment Roberts Perfumery f’Tas-Sliema;

U aktar talli fil-Belt Valletta, fis-26 ta’ Dicembru, 2008, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' hames mija u tmienja u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€568.75) ghad-dannu ta' Mizzi Brothers Limited, operaturi ta' l-istabbiliment Peacocks fil-Belt Valletta;

U aktar talli f'Hal-Lija, fit-30 ta' Dicembru, 2008, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' mitejn, tmienja u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€288.66) ghad-dannu ta' JB Stores Limited, operaturi tal-istabbiliment JB Stores f'Hal-Lija;

U aktar talli f'-Tas-Sliema, fil-5 ta' Jannar, 2009, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' mija u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€160.45) ghad-dannu ta' SAK Limited, operaturi ta' l-istabbiliment The Body Shop f'Tas-Sliema;

U aktar talli f'Tas-Sliema, fil-5 ta' Jannar, 2009, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' erba' mija u tnax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€412.49) ghad-dannu ta' Fashion Retailers Limited, operaturi ta' l-istabbiliment UCB, Sisley, Undercolours, Playlife, f'Tas-Sliema;

U aktar talli f'San Giljan, fil-5 ta' Jannar, 2009, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' erbgha u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€64.94) ghad-dannu ta' Dizz Limited, operaturi ta' l-istabbiliment Terranova f'San Giljan;

U aktar talli fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, fit-8 ta' Jannar, 2009, ingurjat lil WPC 279 Shirley Calleja, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li din kienet qed taghmel dan is-servizz;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Dicembru, 2008 u fis-6 ta' Jannar, 2009, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, naqset milli tattendi minn jeddha gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, hekk kif kienet mitluba taghmel bil-fomm, ghal xi ghan imsemmi fis-Subartikolu (3) tal-Artikolu 355AD tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-8 ta' Jannar, 2009 u fil-jiem ta' qabel, naqset illi tirraporta tibdil fil-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jkun jinsab fil-karta ta' l-identita', u cioe' tibdil fl-indirizz lill-ufficjal awtorizzat;

U aktar talli b'hekk kisret il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommettiet reat iehor wara li nghatat sentenza fejn giet illiberata taht kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-25 ta' Gunju, 2008.

Rat illi ma' l-interrogatorju l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(d), 268(d), 281(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 167(1), 169, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 183, 184, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 335AD(5) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-Artikoli 9 u 14(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Senjalament semghet ix-xhieda tal-partijiet kollha li gew difrodati mill-imputata minhabba l-fatt illi hi harget ammont sostanzjali ta' flus minn kont taghha mal-Lombard Bank fid-29 ta' Jannar, 2008 bis-somma ta' Lm10.00. Din id-dokumentazzjoni giet ezebita minn Philip Saliba bhala Dok LB a folio 75 et seq. Gew ezebiti diversi cheque images, cekkijiet presumibbilment mahruga mill-imputata biex thallas id-diversi akkwisti minnha maghmula.

Minn naha tieghu Joseph Borg Cardona, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, xehed dwar zewg cekkijiet mahruga mill-kont ta' Joseph Debono Jewellers lill-payee Mary Magdalena Sultana li gew cashed minnha. Ghalhekk f'dan ir-rigward xehed anke Raymond Debono ghal Debono Jewellers li kkonferma li l-imputata kienet tahdem mal-kumpanija hbala accountant tal-kumpanija,

allura skond dan ix-xhud kien ikollha access ghac-cheques u kienet thallas bihom. Qal illi l-firmatarju ta' dawn ic-cheques kien hu stess u zewg partners tieghu Antoine Debono u Joseph Debono.
L-ammont migbud mill-kont kien ta' cheque minnhom ta' €2,464.48 u iehor ta' €2,330.00

F'dan ir-rigward l-espert Joseph Gaffiero, appozitament inkarigat minn din il-Qorti, ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu, u jghid illi l-kitba u l-firma li hemm fuq ic-cekkijiet in kwistjoni mhix ta' Joseph u Antoine Debono, u lanqas - ghalkemm tixbahha, ma hi ta' Raymond Debono.

Dwar ir-reati addebitati taht l-Artikoli ta' frodi, xehdet certa Josette Cilia dwar il-fatt illi hi kienet ghamlet hair extensions lill-imputata versu l-prezz ta' €453, liema cheque ma kienx gie msarraf, Dok JC folio 101 – 102. Dan gara gewwa Hair Mode Salon, San Gwann. Sax-xhieda kienu ghadhom ma thallsux.

John Mangion minn naha tieghu xehed in rapprezentanza ta' Beauty Plus, City Gate Arcades, Valletta. Qal illi hu kien iddepozita cheque mahrug mill-imputata versu l-ammont ta' €176.41. Dan mar darbtejn lura bhala irregular transaction. Qal illi dan ic-cheque ircevieh bhala hlas ta' affarijiet li kien ibiegh hu – cosmetics, perfumes, u make-up (vide folio 106, 107). Sal-lum kien ghadu ma thallasx.

Robert Filletti xehed illi kellu l-hanut Punky Fish minn fejn kien ibiegh hwejjeg tan-nisa. Qal illi kien ircieva c-cheque ta' hwejjeg mixtrija minghand l-imputata ghall-ammont ta' €515 (folio 38). Xehed illi c-cheque ma ssarrafx. Xehed illi sa dakinhar li ddepona kien ghadu ma thallasx.

George Zammit xehed in rapprezentenza ta' Memory Lane li kien hanut ta' accessories. Anke hu kien ircieva hlas b'cheque minghand l-imputata ghall-ammont ta' €68.70. Qal illi c-cheque ma ssarrafx u li sa dakinhar kien ghadu ma rceviex hlas (folio 116).

Minn naha tieghu Francis Padovani Ginies xehed in rapprezentanza tal-hanut tal-perfumes tieghu, dan ic-cheque kien ta' hlas ghall-ammont ta' €229.69 u ma giex imsarraf ghax gie referred to drawer (folio 137 u 138) (folio 187 – 188).

Xehdet ukoll Ritianne Grech bhala branch manager tal-Peacocks ukoll dwar cheque mahrug lilhom ghall-ammont ta' €568.75 fuq il-branch tal-Belt, b'dan l-ammont inxtraw hwejjeg u zraben. Dan ic-cheque fil-fatt ibbawnsja. Xehdet illi l-kaxxiera tal-Peacocks, Sephora Schembri, kkonfermat illi kienet hi li rceviet ic-cheque in kwistjoni minghand l-imputata.

Minn naha tieghu Adrian Sant, manager mal-JB Sotres, xehed dwar cheque versu l-ammont ta' €288.66 li wkoll ma ssarrafx.

Mario Lauri f'isem Benetton, Sisley, u Playlife xehed dwar cheque li bih thallas ta' xiri ta' hwejjeg versu l-ammont ta' €412.49, dan ic-cheque ma kienx gie onorat, ezebit a folio 154 bhala Dok ML.
Ghalhekk Abigail Brincat xehdet dwar ic-cheque in kwistjoni li hi rceviet minghand l-imputata bhala sales girl mal-Benetton.

Norbert Muscat xehed in rapprezentenza ta' SAK Limited, fir-rigward ta' cheque li bih thallsu akkwisti minghand il-Body Shop liema cheque kien fl-ammont ta' €106.45 u li ma giex onorat.

Liane Dalli xehdet fil-konfront ta' Diz Limited, u cheque li ma ssarrafx ghall-ammont ta' €64.94, Dok LD (folio 195).

Noilene Meilaq xehdet ukoll fil-konfront tal-Body Shop. Kienet hi s-salesgirl li accettat ic-cheque li qabel kien xehed fuqu Norbert Muscat. Xehdet illi kienet mara li pprezentatilha dak ic-cheque.

Xehed ukoll PC 569 Anthony Cassar illi sema' lill-imputata tghajjar lil WPC 276 meta din kienet qieghda taghmel

tftittxija fil-basket ta’ l-imputata, skondtu ghajritha tliet darbiet ‘zibel’.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ressqet provi dwar il-hlas ta’ dak kollu dovut, effetwat f’isem l-imputata, ghalhekk dokumenti JH folio 303 – 307.

Minn naha tieghu l-Ispettur Angelo Gafa’ wkoll ezebixxa dokumenti tal-hlas a folio 341 u 342.

Gie redatt ukoll Social Inquiry Report minn Marietta Lanzon, Dok ML, li wkoll xehdet bil-maghluq u spjegat il-problemi kollha li kienu jaffliggu lill-imputata, anke dawk psikjatrici. Marietta Lanzon anke kkonfermat illi l-vittmi kollha kienu thallsu.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’ l-imputata, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 268, 281, 167, 169, 183, 184, 308, 309, 355AD(5), 95, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll is-sentenza ezebita a folio 40, kif ukoll ix-xhieda ta’ l-Ispettur Angelo Gafa’ li kkonferma l-identita’ ta’ l-istess imputata. Rat pero li s-sentenza ezebita ggib id-data tal-25 ta’ Gunju, pero din is-sentenza ma ggib ebda annu, ghalhekk din il-Qorti mhix qieghda ssib htija taht il-ksur tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikoli, 9, 14(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23, 17, 18, 23, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputata ghall-multa fl-ammont ta’ €200;

Dwar il-piena, oltre ghall-multa nflitta taht il-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li semghet ukoll lil Marietta Lanzon, qieset illi Sultana, anke ghax hallset dak minnha dovut m’ghandhiex tbaghti piena karcerarja effettiva, rat ghalhekk l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannaha ghal piena ta’ habs ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4)snin;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in vista’ tar-rizultanzi ta’ Marietta Lanzon, qieghda

tqieghed lil Maria Magdalena Sultana taht Ordni ta' Supervizjoni ghal sentejn(2), u qieghda ghal dan l-iskop tahtar bhala ufficjal sorveljanti lil Marietta Lanzon, b'dan illi Maria Magdalena Sultana ghandha wkoll issegwi dawk id-direttivi lilha moghtija minn Marietta Lanzon, biex tkompli tiehu dik il-kura psikjatrika u psikologika necessarja.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannaha ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali ghall-ammont ta' €160.

Il-Qorti spjegat lill-imputata l-inport u l-obbligazzjonijiet taghha taht l-Artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------